**MINUTI**

**KUMITAT AMMINSTRATTIV TAL-MADLIENA**

**SEDUTA NUMRU 4 SARET NHAR**
**L-ERBGHA 8 TA' OTTUBRU 2014 FL-5PM.**

**PREŻENTI:**

Is-Sinjuri

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Chairperson |
| Simon Stilon | Viċi Chairperson |
| Asha Caroline Caruana | Membru |
| Teresa Valentino | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | Membru |

**TALBA**

Il-Chairperson qalet t-talba.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tat-tielet seduta ġew approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIC-CHAIRPERSON

1. Il-Kumitat gie nfurmat bl-ahhar zvillup dwar Triq l-Inginier li saret laqgha ma' l-ufficcju tal-WSC fejn dawn infurmaw li sa nofs Novembru ta' din is-sena, din it-triq tkun lesta u kompluta.

2. Hija staqsiet jekk kien hemm xi zvillupi godda dwar ix-xoghlijiet pendenti ta' kostruzzjoni tat-toroq fil-Madliena. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa talab lill-bank BOV sabiex tiggeded il-garanzija bankarja ta' Silas Ltd. Wara diskuzzjoni gie deciz li jekk sa l-ahhar ta' Ottubru 2014, dan il-kuntrattur ma jaghtix pjan ta' xoghol, il-garanzija bankarja ta' €12,000 tigi msarrfa. Ic-Chairperson ghamlet kunttat mal-Vici Sindku u dan infurmaha li hu ga ghamel kuntatt ma' l-Avukat Refalo, l-avukat tal-kumpanija, u dan wieghed li sa l-ahhar t'Ottubru se jibghat rapport bil-miktub. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel kuntta mal-Vici Sindku u s-Sur Ben Muscat dwar din il-materja.

Ic-Chairperson tablet sabiex issir sosspenzzjoni ta' l-Agenda sabiex xi residenti li kienu prezenti jispjegaw fid-dettal l-inkonvenjenza li soffrew nhar il-Gimgha 26 ta' Settembru 2014 meta kien hemm riceviment kbir fil-Madliena Cottage . Il-Vici Chair person issekonda. Il-hin kien is-5.45pm.

Il-Vici Chairperson informa li huwa flimkien mal-membri l-ohra bghatu ittra lill-Kummissarju Ray Zammit dwar dan il-kaz.

Il-laqgha tkompliet fis-6.20pm,

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI**

Mill- Membru G.L. Ganado

1. Huwa nforma li fil-jiem li ghaddew kellu laqgha ma' l-Accountant tal-Kunsill fejn gie deciz li fis-seduta li jmiss jigi pprezentat Financial Report tal-Kumitat sabiex il-membri jkollho iktar idea cara ta' l-pozzizjoni finanzjarja ghal din is-sena.

2. Il-Membru staqsa jekk jistax jinfetah kont tal-bank separat ghall-fondi tal-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li dan ma jistax jsir skond regolamenti li kienu nhargu mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

3. Huwa rrefera ghall-funtana li hemm fi Triq Markiz J. Scicluna jekk jistax issir xi haga  sabiex tissebah din iz-zona.

Il-Membru G.L. Ganado talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien is-7.00pm.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru staqsiet dwar min hu responsabbli mit-tindfi taz-zona ta' hdejn il-bring-in-sites li hemm hdejn Madliena Fort. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn issa jitbattlu mill-kumpanija GreenPAK u rigward tindif kemm il-kuntrattur ta' gbir ta' skart kif ukoll il-kuntarttur tal-knis huma responsabbli jzommu z-zona nadifa.

2. Hija ssugeriet sabiex tinkiteb ittra lit-TM fejn il-Kumitat jistaqsi liema huma t-toroq ezatt li gew inkluzi fir-rottot il-godda tat-transport pubbliku. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel dan.

3. Rigward it-Tour mal-Forti tal-Madliena, gie deciz li din l-attivita' titella' nhar is-Sibt 8 ta' Novembru fit-15.00. Hija nfurmat li se tavza r-residenti fuq il-pagna ufficjali tal-Facbook tal-Kumitat.

Hugh Zammit<br>Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela<br>Chairperson

**III KOMMUNIKAZZJONI MILL-MEMBRI – ikomplu**

Mill-Membru A. Caroline Caruana

1. Il-Membru infurmat li kellha kuntatti mal-Wasteserv dwar informazzjoni li hi behsiebha tippublika fil-harga li jmiss tal-magazin tal-Kunsill.

2. Hija staqsiet jek hux possibli jigu nstallati 2 bins  ghal-karti fi Triq ix-Xiber.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.40pm u
sar aġġornament għal nhar l-Erbgha 12 ta’ Novembru 2014 fil-5pm.

Hugh Zammit
Segretarju Eżekuttiv

Mary Anne Abela
Chairperson